MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Rikors Numru. 63/2014

**Dr Michael Shields u Li Dong Mei ta' cittadinanza Ciniza**

**Vs**

**1. L-Avukat Generali 2. Id-Direttur Generali Citizens and Expatriates Division fl-Ufficcju tal-Prim'Ministru 3. il-Kummissarju tal-Pulizija u 4. Ir-Registratur taz-Zwieg**

**Din is-sentenza titratta l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-intimati**.

Permezz ta' rikors prezentat fit-2 ta' Settembru 2014 ir-rikorrenti ppremettew u talbu:

1. *Illi huwa cittadin ta' l-Unjoni Ewropeja, cittadin tar-Renju Unit, kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat* ***Dokument A*** *u ilu residenti permanenti gewwa Malta sa mis-sena 2008;*
2. *Illi huwa kien gie Malta ma' martu li maghha kien izzewweg fil-25 ta' Settembru 1996, kopja tac-certifikat taz-zwieg taghhom hawn anness u mmarkat* ***Dokument B*** *minhabba ragunijiet ta' sahha kemm taghha kif ukoll tieghu u mid-data ta' meta huwa gie Malta biex jirrisjedi hawn sal-lum baqa' hekk jirrisjedi ordinarjament gewwa Malta;*
3. *Illi martu Myra Margaret Shields mietet f'Malta fl-4 ta' Marzu 2012 fl-Isptar Mater Dei, skont certifikat tal-mewt taghha hawn anness u mmarkat* ***Dokument C****;*
4. *Illi ftit wara l-mewt ta' martu huwa ltaqa' mal-partner prezenti tieghu, r-rikorrenti Li Dong Mei cittadina tar-Republika tac-Cina u beda relazzjoni intima maghha u ddecieda maghha li jizzewwgu pero' ghalkemm ilu jithabat ma diversi ufficjali tal-intimati t-talba li ghamel li jkun jista' jizzewweg lil Li Dong Mei baqghat dejjem tigi michuda kif ghadha tigi michuda sal-lum;*
5. *Illi r-raguni li dejjem inghata mill-intimati jew min minnhom kienet illi la darba l-persuna li maghha jixtieq jikkoncelebra z-zwieg gewwa Malta m'ghandhiex visa regolari, sakemm din il-visa tinghatala r-Registratur taz-Zwieg ma' setghax johrog it-tnidijiet taz-zwieg u minghajr it-tnidijiet iz-zwieg taghhom ma' jistax issehh skont il-Ligi;*
6. *Illi l-hrug tal-visa lir-rikorrenti Li Dong Mei baqghat sal-lum ma nharget qatt billi kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll id-Direttur Generali fit-taqsima ta' Citizenship and Expatriates ghalkemm iz-zewg rikorrenti ilhom madwar sena mgieghla jiggerrew bejn Kajfas u Erodi, is-Citizenship u Expatriates Division u l-Pulizija b'din ta' l-ahhar tinfurmahom illi r-responsabbilita ghall-hrug tal-visa hija dik tal-intimat Direttur Generali tas-Citizenship and Expatriates Division u dan ta' l-ahhar jinfurmahom illi sta ghall-Kummissarju tal-Pulizija fid-diskrezzjoni tieghu li johrog il-visa o meno;*

7. *Illi l-esponenti ghandu 65 sena, huwa marid serjament bid-dijabete u aktar kmieni din is-sena sofra puplesija li kompliet baghatitu lura b'dan illi hija difficili jekk mhux impossibli ghalih li jghix wahdu minghajr il-kura, l-assistenza, l-kumpannija u l-imhabba tas-siehba tieghu Li Dong Mei u fl-istess waqt ma' jixtieqx li jibqa' jghix maghha minghajr ma jintrabart bi zwieg, kollox kif jigi spjegat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

8. *Illi dan ir-rifjut da parti ta' l-intimati jew min minnhom qieghed manifestament jilledilhom jew minn minnhom d-drittijiet fundamentali taghhom illi jifformaw familja flimkien u huwa ksur lampanti tall-provvedimenti kemm tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghal dak li ghandu x'jaqsam id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-Konvenzzjoni Ewropeja u senjatament id-dritt tieghu li jifforma familja mal-esponenti l-ohra Li Dong Mei kif ukoll li r-rikorrenti Dr. Shields jaghzel hu min ghandha tkun martu u certament mhux l-intimati jew min minnhom b'mod partikolari jilledu d-drittijiet protetti u garantiti fl-Artikoli 8 u 12 tal-istess Konvenzjoni;*

9. *Illi skont diversi sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u minn dawn qed jissemmew biss tnejn u cioe* ***Johnston vs Ireland A112 (1986)*** *u il-kawza fl-ismijiet* ***XLY vs Netherlands A91 (1985)*** *kien gie ddikjarat illi cittadin tal-Unjoni Ewropeja ghandu dritt fundamentali li jizzewweg il-persuna li jixtieq tkun minn tkun bil-problemi kollha li ghandha u jista' jkollha in kwantu ghandix dritt tirrisjedi jew le f'pajjiz membru tal-istess Unjoni billi d-dritt fundamentali li cittadin tal-Unjoni Ewropeja ghandu biex ikollu l-familja u allura jizzewweg lill-persuna tal-ghazla tieghu u li jrid jizzewweg maghha huwa dritt ta' dik il-persuna u forsi mhux ukoll id-dritt tal-persuna extra kommunitarja li jista' jkollha problema jekk ghandix jew le dritt ta' residenza f'pajjiz membru tal-Unjoni;*

10. *Anke il-Qrati Maltin Sede Kostituzzjonali kellhom l-opportunita jidhlu f'meritu simili ghal dak tal-kaz in ezami u partikolarment fis-sentenza erudita moghtija mill-Onor. Imhallef Dr. Mark Chetcuti fit-23 ta' Frar 2012 fil-kawza fl-ismijiet* ***Claudine Desira u Moamar Ali Aled Eltarhuni*** *fejn gie spjegat fid-dettal ir-retro xena tad-definizzjoni ta' family life u kif din giet definita maz-zmien u skont diversi sentenzi moghtija minn Qrati barranin u in partikolari mill-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u fejn gew ukoll ikwotati diversi awturi sabiex it-talba li qed isir permezz ta' dan ir-rikors guramentat issib ukoll soljev fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna. Ghalkemm din is-sentenza inqalbet mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha tad-9 ta'Novembru 2012 is-sentenza inqalbet biss fuq punt preliminari u cioe' li l-atturi Desira u Moamar Ali ma' kienux fittxew rimedju ordinarju li setghu iffitxu qabel ma' ntavolaw il-kawza Kostituzzjonali b'dan illi l-Qorti bl-ebda mod ma' dahlet fil-mertu tad-decide tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza u kwindi ghandu*

*jsegwi illi s-sebja da parti tal-Qorti tal-Prim'Istanza Sede Kostituzzjonali ma' gew bl-ebda mod mittifsa u kwindi ghandhom japplikaw. Kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell qed tigi wkoll hawn annessa u mmarkata u **dokument D**.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti fuq esposti partikolarment ir-rifjut da parti tal-intimati jew min minnhom li ghal dawn l-ahhar cirka sena baqghu konsistentement jirrifjutaw li johorgu Visa, anki wahda temporanja sakemm isiru t-tnidijet taz-zwieg tieghu mal-mara minnu maghzula b'martu u cioe' s-sinjura Li Dong Mei, ir-rikorrenti l-ohra, billi immedjatament wara li dan iz-zwieg ikun jista' jsehh martu jkollha d-dritt awtomatiku bhala mart cittadin Ewropej li jinhargilha permess ta' residenza minghajr iktar il-htiega li jkollha Visa, jivvjola b'mod manifest u jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali taghhom jew min minnhom tal-familja kif sancit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja maghmulha parti mil-Ligi ta' Malta bis-sahha tal-att dwar il-konvenzjoni Ewropeja Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Konsegwentement taghti dik l-ordni jew ordnijiet, direzzjoni jew direzzjonijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq kew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Dr. Michael Shields u Li Dong Mei, jew min mninnhom,hekk kif garantiti taht il-Konvenzzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, fost affarijiet ohra billi taghti dawk l-ordnijiet neccessarji sabiex tizgura illi r-rikorrenti jkunu jistghu jikkoncelebraw zwieg kif ukoll li tikkumpensahom jew min minnhom ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom u dana taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilHa xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

Fil-21 ta' Ottubru 2014 l-intimati pprezentaw twegiba. L-ewwel tlett eccezzjonijiet, cjoe' dawk li qeghdin jigu decizi b'din is-sentenza, jaqraw hekk:

1. *Illi in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa irritwali u improcedibbli stante li hadd mill-esponenti ma huwa l-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan peress li l-hrug ta' VISA ma taqax fil-mansjoni ta' l-ebda wiehed mill-esponenti, filwaqt in kwantu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jikkoncernaw il-fatt li l-esponenti Registratur qed jitlob lir-rikorrenti Li Dong Mei tipproduci VISA valida, l-esponenti Avukat Generali, Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates u l-Kummissarju tal-Pulizija ma humiex il-legittimi kontradditturi ai termini tal-istess Artikolu*

*181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandhom jigu mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari, l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva u dan stante li l-istess rikorrenti ghadhom ma ghamlu l-ebda talba formali mar-Registratur esponent sabiex jinhargu t-tnidijiet taz-zwieg izda dak li ghamlu huwa biss li talbu informazzjoni lill-istess Registratur;*

3. *Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi qeghdin jadoperaq procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. Illi fil-kaz li r-rikorrenti japplikaw ghall-hrug tat-tnidijiet u dan jigi rifjutat lilhom, l-istess rikorrenti jkollhom a disposizzjoni taghhom l-azzjoni kontemplata permezz tal-Artikolu 8 (2) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll ir-rimedju generali fil-forma ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Di piu, ghal dak li jirrigwarda l-hrug ta' VISA, ir-rikorrenti Li Dong Mei tista' dejjem tintavola l-applikazzjoni taghha ghall-hrug ta' tali VISA mal-awtoritajiet kompetenti. F'dan ir-rigward l-esponenti ghalhekk jecepixxu n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistidnu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonali taghha ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

**<u>Kwistjoni</u>**.

Ir-rikorrent irid jizzewwg lir-rikorrenti l-ohra li qeghda f'Malta bla permess. F'nota guramentata li pprezenta fil-11 ta' Novembru 2014 iddikjara li r-rikorrenti ***"[....] m'ghandhiex permess ta' residenza f'Malta kif m'ghandhiex permess iehor biex tkun tista' tghix hawn Malta"***. Hu ghalhekk evidenti li bhalissa Li Dong Mei taqa' fid-definizzjoni ta' ***'immigrant projbit'*** (Artikolu 5 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217).

L-ilment tar-rikorrenti hu li 'l fatt li r-rikorrenti ma nghatatx visa biex tkun tista' tizzewweg u 'l fatt li r-Registratur tal-Zwigijiet ma tistax tohrog it-tnidijiet ta' zwieg, qieghed jikser id-dritt

fundamentali taghhom li jifformaw familja billi jizzewwgu. F'dan ir-rigward invokaw l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi:

*"1. Everyone has the right to **respect for his private and family life**, his home and his correspondence.*

*2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others"*.

Fil-premessi ghar-rikors promotur semmew ukoll l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni li pero ma ssemmiex fit-talbiet, u li jaqra:

*"Men and women of marriageable age have the right to marry and to found a family, according to the national laws governing the exercise of this right"*.

**Legittimu Kontradittur**.

L-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl- azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"*.

Fil-fehma tal-qorti ghall-ilment tar-rikorrenti huma legittimi kontradittur i Registratur taz-Zwieg u l-Kummissarju tal-Pulizija bhala l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni (ara deposizzjoni ta' Neil Harrison fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014).

Ghal dak li jikkoncerna l-Avukat Generali, il-presenza tieghu m'hijiex mehtiega gialadarba l-kawza saret kontra l-kapijiet ikkoncernati. Fir-rigward tat-tieni intimat, m'ghandu x'jaqsam xejn mal-hrug ta' visa jew pubblikazzjoni ta' tnidijiet taz-zwieg.

**Intempestivita tal-azzjoni u nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji**.

Il-qorti ser tikkunsidra it-tieni u tielet eccezzjoni flimkien.

Ghal dak li jikkoncerna l-visa, jirrizulta li fl-4 ta' Frar 2014 id-difensur tar-rikorrenti baghat email lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien fejn qallu:-

*"Dear Dr Zammit,*

*Further to our last week's telephone conversation when you requested me to send you details on my client's Ms. Li Don Mei who is set to get married to a British subject, please find enclosed the exchange of correspondence relative to the case. What I am requesting is simply the granting to my client of a temporary and conditional Visa/residence permit for the duration of the time necessary for the bands to be published which is a sine qua non before her marriage to Mr Shields can take place. Naturally if for any reason whatever the marriage does not take place, which is the condition upon which the temporary Visa be issued then that temporary Visa will automatically expire"*.

Mill-Artikoli 6 u 8 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), hu car li l-permess biex persuna tidhol f'Malta u tibqa' f'Malta jrid jinghata qabel tidhol Malta. Il-kaz tar-rikorrenti hu differenti, gialadarba tinsab f'Malta. Fatt li gie spjegat ukoll minn Neil Harrison li kien jokkupa l-kariga ta' kap ta' Central Visa Unit f'Malta. Madankollu f'kull kaz jekk ir-rikorrenti temmen li ghandha jedd skond il-ligi Maltija li tinghata visa u din tigi rifjutata jew ma tinghatax twegiba ghat-talba, ghandha kull jedd li titlob l-istharrig tal-eghmil amministrattiv (Artikolu 469A tal-Kap. 12). Lanqas m'hemm xi prova li r-rikorrenti applikat biex tinghata permess ta' residenza mill-Ministru responsabbli ghall-immigrazzjoni (Artikolu 7 tal-Kap. 217).

Ghal dak li jikkoncerna z-zwieg li r-rikorrenti jghidu li jridu jiccelebraw, skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255), qabel iz-zwieg ghandhom jigu ppubblikati t-tnidijiet. Ermelinda Zahra, Registratur taz-Zwigijiet, ikkonfermat li s'issa kienet ghadha ma saret l-ebda applikazzjoni. Pero' qalet ukoll:

*"Il-problema li ghandna f'dal kaz hija li* ***jekk din il-koppja tigi quddiemi biex inzewwighom, jien ma nistax inzewweg lir-rikorrenti ghax jirrizultali li din m'ghandhiex permess tkun Malta"*** (seduta 17 ta' Novembru 2014).

Ir-rikorrent jilmenta li minhabba s-sitwazzjoni ta' Li Dong Mei, m'humiex jithallew jizzewwgu f'Malta meta r-rikorrent hu cittadin tar-Renju Unit u ilu jirrisjedi f'Malta sa mis-sena 2008. Fatti li ma gewx kontestati mill-intimati.

Hu evidenti li jekk issir it-talba ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet, ir-Registratur ser tichad it-talba. Fil-fatt f'email datata 9 ta' Jannar 2014 li baghatet Ermelinda Zahra lid-difensur tar-rikorrenti, jinghad li l-pubblikazzjoni tat-tnidijiet tkun tista' ssir la darba jipprezentaw dawn id-dokumenti fir-rigward ta' Li Dong Mei:

*"Valid passport and **visa**.*

*Legalized birth certificate (plus legalized translation if this is issued in Chinese).*

*Free status not necessary (as she has just divorced in Malta)"* (enfazi tal-qorti).

Pero' min-naha l-ohra l-Artikolu 8 tal-istess Att jipprovdi:

*"(1) Jekk ir-Reġistratur ikun tal-fehma li ma jistax igħaddi għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet jew li hu ma jkunx jista' joħroġ ċertifikat ta' dik il-pubblikazzjoni hu għandu javża lill-persuni li jitolbu l-pubblikazzjoni li hu ma jkunx jista' jagħmel hekk, u jagħti r-raġunijiet għaliex.*

*(2) F'kull każ bħal dan, kull waħda mill-persuni li tkun ser tiżżewweġ **tista' tagħmel rikors fil-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni volontarja sabiex jingħata ordni lir-Reġistratur biex jippubblika t-tnidijiet jew biex joħroġ ċertifikat tal-pubblikazzjoni tagħhom**, skont il-każ, u l-qorti tista', wara li tkun semgħet lir-rikorrent u lir-Reġistratur, tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi, u r-Reġistratur għandu jimxi skont kull ordni bħal dak".*

Mela ghar-rikorrenti jezisti rimedju taht il-ligi ordinarja[1]. F'dan l-istadju wiehed ma jistax ighid x'ser ikun l-ezitu tar-rimedju li tikkontempla l-ligi fl-eventwalita' li r-rikorrenti jezercitawh. Il-qorti hi ndipendenti mill-ezekuttiv. Dan apparti li l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) jikkontempla wkoll il-possibilita' ta' zwieg bi prokura (Artikolu 14):

*"(1) Żwieġ jista' jsir bi prokura bl-awtorità bil-miktub tar- Reġistratur jekk waħda mill-persuni li tkun ser tiżżewweġ ma tkunx, u l-persuna l-oħra tkun, preżenti f'Malta, u jkun hemm, fil-fehma tar-Reġistratur, raġunijiet serji sabiex iż-żwieġ isir bi prokura".*

Ghalhekk jekk ir-rikorrenti Mei titkecca minn Malta ghaliex hi immigrant projbit, jidher li m'hemm xejn milli jzomm lir-rikorrenti milli jigi ccelebrat iz-zwieg bi prokura. Rimedju iehor li taghti l-ligi ordinarja.

## Ghal dawn il-motivi:-

[1] F'dan ir-rigward huma rilevanti l-osservazzjonijiet li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tad-9 ta' Novembru 2012 fil-kawza **Claudine Desira et vs Direttur tar-Registru Pubbliku et** (72/2010/1).

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni fil-konfront tal-ewwel zewg intimati u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.**
2. **Tichad l-ewwel eccezzjoni fil-konfront tat-tielet u raba' intimat.**
3. **Tilqa' t-tieni u tielet eccezzjoni u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjez a karigu tar-rikorrenti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------